# FIL-KNISJA TA' LAPSI

*Kitba ta' John Agius*



Żgur li mhux l-ewwel darba li smajtu l-frażi *"O żmien ħelu, kif għaddejtli!"* U llum jien nikkonfermaha li, għalkemm għaddejt minnu, inħares lejh b'ċertu nostalġija li tfakkarni f'ħafna episodji sbieħ ta' meta kont għadni kif bdejt naqbeż l-għoxrinijiet. Sa dak iż-żmien il-qofol ta' ħajjitna kienet dejjem tkun fl-għaqdiet reliġjużi, li f'San Ġiljan kienu kollha attivi.

L-ewwel ma bdejna nattendu kienet id-Duttrina tal-Museum fi Triq Lapsi, fil-post fejn hemm l-ewwel dar tat-taraġ li jagħti għal isfel, fejn illum hemm il-ħanut tas-Saddles. Ħaġa tal-iskantament hi li, kif għaddejna l-età tad-Duttrina, qlibna mill-ewwel bħala aspiranti mal-Azzjoni Kattolika. Dil-qalba ma kienet xejn diffiċli għaliex, minbarra li kellna s-Superjur tal-Museum, kienu daħlu wkoll bħala għalliema Dun Anton Sciberras u Dun Karm Calleja. Wara li spiċċajna mill-Azzjoni sibna postna mil-lejl għan-nhar fil-moviment taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara fl-istess lokal. Konna għamilna wkoll perjodu fil-Legion of Mary. Minbarra dawn l-għaqdiet, konna wkoll fl-iScouts, li kien bieb ma' bieb mal-Azzjoni Kattolika.

L-għaqdiet li kien hawn f'San Ġiljan kollha kienu attivi għall-aħħar. L-Azzjoni Kattolika kienet iffurmata mill-fergħat kollha tagħha. Minbarra l-aspiranti, kien hemm ukoll il-fergħa tal-ġuvintur u anke tax-xebbiet, u saħanstra tal-miżżewġin.

## IL-FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

Imma ħalli niġi għas-suġġett proprju il-Knisja ta' Lapsi. Dik kienet il-qofol tagħna nhar ta' Ħadd filgħodu, għaliex dak iż-żmien ma kien isir xejn filgħaxija għajr ir-ružarju. Konna nattendu għall-quddiesa tad-disgħa, li kienet tkun kantata, imdawrin ma' Dun Artur Fenech fuq orgni żgħir u nakkumpanjawh tul il-quddiesa kollha li kienet tkun bil-Latin. Imma tajjeb li ngħid ftit kif konna nkunu fil-knisja. Peress li kienet żgħira, lilna t-tfal subien kienu jitfgħuna wara l-altar. Lill-qassis qatt ma konna narawh, imma konna nsegwuh eżatt. Fuq quddiem tal-knisja kien ikun okkupat min-nisa, waqt li l-ġuvintur u l-irġiel warajhom. Qatt ma kont tara lir-raġel u l-mara flimkien. Il-qassis kien iqaddes dahru lejn il-poplu u l-quddies kollu kien ikun bil-Latin. Imma biex insegwu aħjar kien ikun hemm xi ħadd li jgħid il-qari bil-Malti.

Ħafna persuni kienu jsegwu l-quddies minn barra t-triq, u ta' min jgħid li ebda mara ma kienet titħalla tidħol fil-knisja jekk ma jkollhiex rasha mgħottija. Bħalma fil-quddies tal-lum tara lbies differenti, dak iż-



*RITRATT TA' NOSTALĠIJA. Ħarġa tal-Azzjoni Kattolika flimkien mal-Kappillan Dun Philip Grech. Jidhru wkoll Dun Gwido Calleja, Dun Karm Calleja, Dun Furtunato Axiaq. Fuq il-lemin ta' Dun Furtu hemm jien, u fix-xellug tiegħu jidher Dun Ġwann Galea li kien għadu seminarista.*

żmien kont tilmaħ il-velijiet b'ħafna disinji fihom, imma mhux ikkuluriti.

Kull purċissjoni, kemm dik tad-Duluri, u kif ukoll tar-Rużarju u ta' Corpus kienu popolari ħafna. F'ta' Corpus, il-Ġiljaniżi kollha kienu jippreparaw għaliha minn ġranet sew qabel. Aħna t-tfal konna mmorru għand Lukarda, il-mara ta' Salvu Cefai s-Sagristan biex nikru ż-żimarra. Kienet tkun ta' drapp oħxon u kien ixewkilna għonqna, imma allaħares konna nitraskuraw u ma nilħqux nikru waħda. Il-ġenituri tagħna kienu jieħdu ħsieb joħorġu l-isbaħ gastri, qsari u tapiti sabiex jgħaddi s-Sagrament minn fuqhom, filwaqt li kienu jiksu l-art b'ħaxix u fjuri li kienu jaqtgħu għall-okkażżjoni. It-tfal li jkunu għadhom kif għamlu l-Preċett jew il-Griżma kienu jkunu bil-qfief u huma wkoll jitfgħu l-fjuri. Kienet tkun purċissjoni organizzata tajjeb ħafna li tgħaddi mill-istess toroq tal-festa titulari. F'dak iż-żmien San Ġiljan kien ikun mimli bil-baħrin u suldati, u meta xi ħadd minnhom kien jazzarda jaqsam it-triq, speċjalment it-triq tal-baħar-Triq Grenfell, illum Triq George Borg Olivier-mill-ewwel kien isib lil Dun Franġisk Zammit li jmur fuqu sparat u jreġġgħu lura f'kemm trodd salib.



*Waħda mix-xalati ta' wara l-festa.*

U ppermettuli nerġa' nirreferi għall-frażi "*O żmien ħelu, kif għaddejtli!*" meta niftakar fil-ġranet ta' meta kienet tkun qed toqrob il-festa.

## IL-FESTA TA' SAN ĠILJAN

Meta kienet toqrob il-festa, ommi Anġla, li kienet ħajjata tajba, dejjem kienet tħitli qmis u qalziet qasir biex inżanżnu l-Ħadd, jum il-festa ta' San Ġiljan. Konna nkunu nistennewha sena sħiħa, imma meta joqrordu l-aħħar ġranet kulħadd kien jipprepara għaliha. Minn ġranet sew qabel, fuq iz-zuntier kien ikun hemm ħafna li joqogħdu jaħdmu l-liedna tal-ħaxix, oħrajn joħorġu l-pedestalli għall-vari tal-Papa u tal-Anġli, waqt li Salvu s-Sagristan bil-għajnuna ta' Kelinu Grech kienu jibdew jarmaw id-damask mal-ħitan, ifarfru l-linef, u, fuq kollox, jarmaw l-altar.

Aħna t-tfal konna nirsistu u naħsbu sew minn qabel sabiex fil-ġranet tat-tridu nitilgħu fuq il-kampnar ħalli, minn nofsinhar sas-siegħa, indoqqu l-qniepen. Il-ġranet tat-tridu kienu jkunu speċjali, waħda għaliex kulħadd kien jistenna l-attività li jkun hemm fil-knisja filgħaxija, bis-sabar kollu moħħna kien ikun fil-prietka fuq il-padrun; u fl-aħħar, biex nisimgħu l-antifona, xi ħaġa li, ma nafx għaliex, għadni ma nistax inħallat tal-lum ma' ta' dak iż-żmien. Jista' jkun li forsi kienet tinstema' aktar qawwija u isbaħ għaliex il-knisja kienet żgħira u l-ħoss joħroġ aktar qawwi. Mhux aħna biss, imma anke s-Surmast Paola Nani kien jidher li jkun qed jogħxa waqt li jidderiġiha.

Il-purċissjoni kienet tilħaq il-qofol tagħha x'ħin kienet se tibda t-telgħa ta' Triq Lapsi. Il-Ġiljaniżi kollha kienu jinġemgħu quddiem il-vara u d-dilettanti tan-nar kollha bil-landi tal-gallettini mimlijin sfafar u stoppini għall-akkumpanjament sakemm tasal biex tidħol fil-knisja. It-triq kienet tkun armata sabiħa, bil-bjut armati bil-bnadar, u mill-gallariji kienet tinżel xita ta' karti, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu jkunu kollha biljetti tal-lottu li minn ġimgħat qabel kienu jitqattgħu u jitpoġġew fl-ixkejjer.

L-aħħar attività kienet tkun li, wara li tidħol il-vara u tingħalaq il-knisja, kulħadd ikun diġà ppreparat għax-xalata tal-għada. Dak iż-żmien ftit li xejn kont tara karozzi, u konna nkunu ħerqana li l-għada se jkollna okkażjoni li mmorru dawra bil-private.